Malta-EU Steering & Action Committee

**280 Republic Street**
**Valletta VLT 1112**
**Malta**

*Svetlana R. Curmi*
*Media Officer*
***T:*** *2200 3307*
***E:*** *svetlana-rose.curmi@gov.mt*

# STQARRIJA GĦALL-ISTAMPA

## Laqgħa tal-Core Group mal-Membri tal-PE

Fil-laqgħa tal-Core Group tal-MEUSAC li saret fl-24 ta' Lulju, ġie dikuss il-Programm tal-Presidenza Svediża tal-Unjoni Ewropea kif ukoll il-ħidma tal-Parlament Ewropew fil-leġislatura l-ġdida. F'din il-laqgħa ħadu sehem erbgħa mill-ħames membri Maltin fil-PE kif ukoll is-Sur Joseph Cuschieri.

### Il-Presidenza Svediża

Il-preżentazzjoni tal-Programm tal-Presidenza saret mis-Sur Joseph Cole, Direttur Generali-*Designate*, Affarijiet Ekonomici u Ewropej fi ħdan il-Ministeru tal-Affarijiet Barranin. Huwa spjega l-isfidi li għandha quddiema l-Presidenza fis-sitt xhur li ġejjin, fost dawn:

- Qbil dwar kif il-pajjiżi għandhom jindirizzaw il-bidla fil-klima u jkomplu jaħdmu fuq dak li nbeda mill-Protokoll ta' Kyoto;
- ir-riżorsi marittimi u l-forniment tal-enerġija permezz ta' sorsi alternattivi ta' enerġija;
- koperazzjoni fil-qasam tal-energija ma' pajjiżi terzi;
- il-kriżi finanzjarja u miżuri għal stimoli ekonomiċi;
- it-tiġdid tal-Istrateġija ta' Liżbona u aktar investiment fir-rizorsi umani li jwasslu għal suq aktar kompettitiv li jilqa' għal sfidi ġodda barranin;
- programm strateġiku li jikkumplimenta il-Programm tal-Aja *(The Hague Programme)*;
- titkattar kuxjenza mal-Ewropej dwar ir-relazzjoni li teżisti bejn il-migrazzjoni u l-iżvilupp;
- it-tkabbir tal-UE partikolarment l-applikazzjoni għas-sħubija tal-Iżlanda u l-proċess ta' negozjar mal-Kroazja u l-Albanija u tisħiħ tal-*European Security and Defence Policy*;
- ir-ratifika tat-Trattat ta Liżbona u tibdil estensiv fl-istituzzjonijiet Ewropej.

**280 Republic Street**
**Valletta VLT 1112**
**Malta**

*Svetlana R. Curmi*
*Media Officer*
***T:*** *2200 3307*
***E:*** *svetlana-rose.curmi@gov.mt*

Il-Membri tal-*Core Group* qajjmu diversi punti, fosthom:

- l-implimentazzjoni tad-Direttiva dwar is-Servizzi;
- l-implikazzjonijiet tas-sentenza tal-Qorti Kostituzzjonali Ġermaniża fuq ir-ratifika tat-Trattat ta' Liżbona;
- il-pożizzjoni tal-Gvern Malti dwar in-negozjati għas-sħubija tat-Turkija fl-UE;
- kif qed taffetwa lil Malta il-*European Security and Defence Policy*;
- il-pożizzjoni tal-Gvern Malti dwar l-*Excessive Deficit Proċedure* b'mod partikolari;
- il-pożizzjoni ta' Malta dwar l-Energija fil-kuntest tal-Programm tal-Presidenza;
- il-*burden sharing* volontarju u kemm dan qed ikun ta' suċċess.

Is-Sur Cole stqarr li l-Presidenza se ġġedded strategija biex jissaħħu l-finanzi pubbliċi u biex tkabbar il-kompetittività globali tal-UE. Qal ukoll li qed isiru sforzi minn Malta biex l-UE thares lejn l-Afrika għal sorsi alternattivi ta' produzzjoni tal-Enerġija li jikkumplimentaw is-sorsi ta' enerġija eżistenti. Huwa qal li l-Gvern Malti qed jaħdem biex Malta tingħata r-responsabbilta tal-*European Asylum Support Office*. Semma wkoll kif anke l-Islovakkja se tgħin lil Malta billi aċċettat li tieħu immigranti illegali minn Malta.

## Diskussjoni mal-Membri tal-PE

Il-ħames Membri tal-PE flimkien mas-Sur Joseph Cuschieri kienu mistedna għal-laqgħa tal-lum u flimkien mal-Membri tal-*Core Group* iddiskuttew il-ħidma tal-Parlament Ewropew għall-leġislatura 2004 – 2009 kif ukoll il-ħidma tagħhom fil-PE. Il-MPE tkellmu dwar il-bżonn li tissaħħaħ ir-relazzjoni tagħhom mal-*Core Group* u mal-MEUSAC. Tkellmu wkoll dwar il-ħidma tagħhom fi ħdan il-kumitati tal-PE li huma membri tagħhom.

Il-MPE David Casa semma l-importanza li jittieħdu miżuri stretti li jissalvagwardjaw l-ambjent iżda li ma jxekklux l-iżvilupp ekonomiku. Il-MPE Simon Busuttil qal li jekk ikun irratifikat it-Trattat ta' Liżbona l-PE se jkollu poteri leġislattivi tista' tgħid daqs il-Kunsill tal-Ministri u għalhekk l-importanza li l-MPE jkunu jafu x'inhi l-pożizzjoni tal-membri tal-*Core Group* dwar dak li jkun qed jiġi propost. Huwa semma' li r-rappreżentanti Maltin fi ħdan l-istituzzjonijiet tal-UE għandhom jikkordinaw aħjar il-ħidma tagħhom flimkien. Semma bħala eżempju kif jista' jsir fil-lobbying biex il-*European Asylum Support Office* jitwaqqaf f'Malta.

Malta-EU Steering & Action Committee

**280 Republic Street**
**Valletta VLT 1112**
**Malta**

*Svetlana R. Curmi*
*Media Officer*
***T:*** *2200 3307*
***E:*** *svetlana-rose.curmi@gov.mt*

---

Hu qal li waqt laqgħa mal-Kummissarju Barrot, il-Kummissjoni ħabbret li f'Settembru li ġej ħa tippublika proġett pilota għal *burden sharing* immirat speċifikament għal Malta.

Il-MPE Louis Grech qal li għandu jkun hemm regolamentazzjoni serja li tipproteġi l-konsumatur waqt li tenna li Malta għandha tibda tipprepara minn issa għall-baġit ta' wara l-2013 u x'jista' isir dwar il-klassifikazzjoni ta' Malta bħala reġjun *Objective 1*. Huwa semma li iktar milli ngħidu x'inhuma l-prijoritajiet għandna nagħtu definizzjoni ċara ta' kif se nilħqu l-prijoritajiet u li l-UE għandha turi iktar li jimpurtaha miċ-ċittadin.

Il-MPE Edward Scicluna semma rapport dwar il-Euro u dak annwali tal-Bank Ċentrali Ewropew waqt li saħħaq dwar l-importanza li Malta tingħata żmien itwal biex tnaqqas id-deficit.

Is-Sur Joseph Cuscheri semma l-pożizzjoni tiegħu bħala *runner up* fl-elezzjonijiet tas-6 ta' Ġunju li għadda u l-proċess biex eventwalment, meta jintemm il-proċess ta' ratifika tat-Trattat ta' Liżbona, jieħu postu bħala MPE.

Il-Membri tal-*Core Group* qajjmu diversi punti. Ilkoll qablu li għandu jinstab metodu kif id-djalogu bejn il-MEUSAC u l-MPE isir wieħed iktar regolari u strutturat. Issemma wkoll kif għandu jkun hemm mezz kif ir-rappreżentanti Maltin fil-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u dawk fil-Kumitat tar-Reġjuni jkunu parti minn dan il-proċess ta' konsultazzjoni mal-korpi kostitwiti u mas-soċjetà ċivili.

Il-laqgħa tal-Core Group kienet ppreseduta mis-Segretarju Parlamentari Dott. Chris Said u fl-assenza tiegħu, minn Dott. Vanni Xuereb, Kap tal-MEUSAC. Preżenti kienu: is-Sur Julian Micallef (Segretarju), is-Sinjura Cecilia Attard Pirotta (Segretarju Permanenti, MFA), is-Sinjorina Graziella Pullicino (A/Kap, Segretarjat UE fl-Uffiċċju tal-Prim Ministru), Dott. Gabriella Pace (Kap tal-Informazzjoni, MEUSAC), is-Sinjura Helen D'Amato, Dott. Josette Grech, is-Sur Carmel Cacopardo (AD), is-Sur Tonio Mercieca (AN), is-Sinjura Maryanne Sant Fournier (CMTU), is-Sur Joe Grech (GBC), is-Sur Vince Farrugia (GRTU), is-Sur Tony Zarb (GWU), is-Sur Kevin Borg u s-Sur Ray Muscat (MCCEI), Dott. Paul Debattista (MEA), is-Sur Jesmond Bonello (UĦM), is-Sinjura Grace Attard, is-Sur Benjamin Rizzo u s-Sur Julian Zarb (rappreżentanti tas-soċjetà ċivili), kif ukoll sostituti, membru tal-*iSteering Committee* u membri tal-istaff tal-MEUSAC.

**MEUSAC – 24.07.2009**